MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 486/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Cuschieri)**

**vs**

**DIEGO RUGERI**

**(hawn aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradant")**

**Illum it-13 ta' Ġunju 2014**

Il-Qorti,

Rat li l-Pulizija resqu lil estradant quddiemha;

Rat l-Allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (hawn aktar l-isfel magħruf bħala l-"Allert") maħrug fuq talba tal-*Giudice per le Indagini Preliminari* Antonio Cavasino ta' Trapani (Awtorita Ġudizjarja ai fini tal-Avviż Legali 320 tal-2004) kontra l-estradant kif ukoll il-Mandat t'Arrest Ewropew, eżebit fl-atti fil-lingwa Taljana maħruġ ukoll fuq talba tal-*Giudice per le Indagini Preliminari* Antonio Cavasino ta' Trapani (Awtorita Ġudizjarja ai fini tal-Avviż Legali 320 tal-2004) kontra l-estradant, li huwa mfittex mill-Awtoritajiet Kompetenti Ġudizzjarji fir-Repubblika tal-Italja, (hawn aktar l-isfel magħruf bħala "il-pajjiż skedat" *ai fini* tal-Regolament 5 tal-Avviż Legali 320 tal-2004) bħala l-awtur fir-reat kriminali Taljan ta' ksur tal-kundizzjonijiet tas-sorveljanza speċjali tal-Pulizija bl-obbligu tar-residenza fil-Kunsill Lokali (*Comune*) ta' fejn huwa kien jirrisjedi u li kienu imposti fuqu permezz ta' digrieti tat-Tribunal ta' Trapani sezzjoni M.P. numri 3/2002, 48/2003 u 67/2005 u b'mod partikolari talli nhar l-20 ta' Frar 2014 naqas milli jippreżenta lilu innifsu lill-awtorita tas-sigurta pubblika inkarigata mis-sorveljanza (senjatament il-Kummissarjat tal-Pulizija Statali ta' Castellammare del Golfo u liema nuqqas baqa sal-ġurnata tal-lum u dan bi ksur tal-Artikoli 81 cpv. c.p. u 75, comma 2, tad-D.L.vo tas-6 ta' Settembru 2011 numru 159 u f'każ ta' sejbien ta' ħtija, hemmhekk iservi piena li fil-massimu tagħha tista titla' sa' ħames snin ta' reklużjoni ossija priġunerija.

Rat iċ-ċertifikat anness mal-atti a fol. 3 u maħrug mill-Avukat Ġenerali skont ir-regolament 7 tal-istess Avviż Legali 320 tal-2004 in konnessjoni mal-Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tal-estradant.

Rat l-atti kollha tal-każ speċjalment dak kollu verbalizzat waqt is-seduti tad-19 ta' Mejju 2014.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Mejju 2014, li fiha kien qed jsir l-'*initial hearing*' f'dawn il-proċeduri minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn, wara li l-Qorti semgħet taħt ġurament lill-Uffiċjal Prosekutur, għamlet l-eżami tal-estradant fil-presenza tad-difensur tiegħu, u dik il-Qorti ivverifikat l-identita tal-istess skont id-dokumentazzjoni disponibbli għaliha u skont dak li rat hija stess quddiemha u ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-kwistjoni tal-identita tal-estradant (ara l-regolament 10(2) tal-istess Avviż Legali 320 tal-2004).

Illi, *ai termini* tar-regolament 11 tal-Avviż Legali 320 tal-2004, il-Qorti nfurmat lill-estradant dwar il-kontenut tal-Allert u tal-Mandat t’Arrest Ewropew maħruġa kontra tiegħu.

Illi matul l-“*extradition hearing*” tenut matul is-seduta tal-lum *ai termini* tar-regolament 12 tal-Avviż Legali imsemmi, il-Qorti iddeċidiet li r-reat imsemmi fil-Mandat t’Arrest Ewropew kien jammonta għal reat ta’ Estradizzjoni.

Illi l-estradant ma qajjem ebda raġuni legali skont l-Artikoli 13 sa 31 tal-Avviż Legali in forza ta’ liema l-estradizzjoni tiegħu setgħet tiġi imwaqfa.

Illi matul l-istess seduta l-estradant, preżenti d-difensur tiegħu b'mod irrevokabbli ta’ <u>l-kunsens</u> tiegħu sabiex jiġi mreġġi lura lejn il-pajjiż skedat u jkun soġġett għall-Awtorita

Ġudizzjarja Taljana. Il-Qorti għamlitha ċara lill-estradant li huwa kien setgħa jagħmel dan ai termini tar-regolament 43 tal-Avviż Legali 320 tal-2004. Il-Qorti għaddiet biex spjegat l-import tar-regolament 43(3) tal-Avviż Legali 320 tal-2004, u wara dan, ai termini tal-istess regolament rat li l-estradant iddikjara : -

(i) li mhux qiegħed jirrinunzja u għalhekk mingħajr pregudizzju għal xi dritt li kien ikollu (barra mill-kunsens) li m'għandux jiġi ttrattat fil-pajjiż skedat għar-reat li jkun għamel qabel it-treġġigħ lura tiegħu altrimenti magħrufa bħala "rule of speciality" [regolament 43(3)];

(ii) li jagħraf li l-kunsens tiegħu ingħata quddiem il-Qorti;

(iii) li ġie reġistrat bil-miktub;

(iv) li huwa irrevokabbli;

(v) li meta ta l-kunsens huwa kien legalment rappreżentat quddiem il-Qorti filwaqt li ta l-kunsens tiegħu;

(vi) li huwa kien matul dawn il-proċeduri fil-Qorti assistit minn difensuri tal-fiduċja tiegħu.

Inoltre, l-Qorti, ai termini tar-regolament 44 tal-Avviż Legali 320 tal-2004 [li jirrendi applikabbli l-Artikolu 15(5) u 16 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta] għarrfet lill-estradant li :

(a) hija sodisfatta li d-dikjarazzjoni tal-estradant saret b'mod volontarju u li hija ser tibgħat lill-estradant taħt kustodja sakemm dan ikun qed jistenna li jerġa' lura u d-disposizzjonijiet kollha tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Avviż Legali 320 tal-2004 għat-treġġiegħ lura tiegħu għandhom jitqiesu li huma sodisfatti;

(b) ma jista' jsir ebda appell mid-deċizjoni tal-Qorti li tibgħat lill-persuna taħt kustodja taħt id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament;

(c) qed jagħti l-kunsens tiegħu illi jkun jista' jitreġġa lura qabel jgħaddu s-7 ijiem stipulati mill-liġi;

(d) li, l-Qorti spjegatilu li jekk jidhrilu li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun ser tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-Qorti, huwa għandu l-jedd li jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ (u l-estradant iddikjara li qed jirrinunzja għal kwalunkwe azzjoni hawn fuq imsemmija tal-volta kompetenti lilu);

(e) li din l-ordni qed issir fi żmien għaxart ijiem mid-data li fiha l-estradant ta l-kunsens tiegħu sabiex jiġi mibgħut lejn il-pajjiż skedat.

**<u>L-ordni għall-kustodja</u>**

Għaldaqstant għal motivi premessi, il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 43 u 45(3)(a) tal-Avviż Legali 320 tal-2004, tordna li l-estradant, kif imsemmi u deskritt fl-istess Allert u Mandat t'Arrest Ewropew, jinżamm taħt kustodja sabiex jistenna l-estradizzjoni tiegħu lejn il-pajjiż skedat u dan fi żmien għaxart (10) ijiem millum stess.

Mogħti fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum it-tlettax (13) ta' Ġunju 2014.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------